

Brussell, 22 ta' Lulju 2024
(OR. en)

12505/24

ENT 141
MI 718
COMPET 818
IND 382
DELECT 136

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2024) 3480 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tad-30.5.2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 billi jistabbilixxi s-sistemi applikabbli għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali dwar is-sostenibbiltà ambjentali u li jemenda dak ir-Regolament fir-rigward tal-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni abbażi ta' approċċ ta' mmudellar

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2024) 3480 final.

Mehmuż: C(2024) 3480 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2024
C(2024) 3480 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

tad-30.5.2024

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 billi jistabbilixxi s-sistemi applikabbli għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali dwar is-sostenibbiltà ambjentali u li jemenda dak ir-Regolament fir-rigward tal-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni abbażi ta' approċċ ta' mmudellar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikoli 28(2) u 60(h) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE¹, il-Kummissjoni hija ddelegata l-kompitu li tistabbilixxi s-sistemi AVCP tal-prodotti għall-konstruzzjoni, relatati ma' prodott partikolari, familja ta' prodotti partikolari jew karatteristika essenzjali speċifika, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-karatteristiċi essenzjali li jindirizzaw is-sostenibbiltà ambjentali jiġu vvalutati permezz tal-ġbir tad-*data* għall-valuri tal-input, is-suppożizzjonijiet u l-immudellar bl-appoġġ tas-software jew mingħajru. Għalhekk, jenħtieġ li jitqies xieraq li tiġi definita sistema AVCP ġdida bħala s-sistema AVCP applikabbli għall-karatteristiċi essenzjali li jindirizzaw is-sostenibbiltà ambjentali.

Skont l-Artikolu 60(e) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-Kummissjoni ġiet iddelegata l-kompitu li tadatta l-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011.

Permezz tal-użu ta' din is-setgħa, il-Kummissjoni tipproponi fih li tadatta l-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 568/2014² billi żżid is-sistema AVCP 3+ il-ġdida biex tiddefinixxi l-kompiti li għandhom jitwettqu fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali vvalutati bl-użu tal-ġbir tad-*data* għall-valuri tal-input, is-suppożizzjonijiet u l-immudellar bl-appoġġ tas-software jew mingħajru. Is-sistema AVCP 3+ il-ġdida tistabbilixxi l-kompiti allokat li lill-manifattur u lill-korp notifikat fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali rilevanti.

L-adozzjoni tar-Regolament hija meħtieġa biex jiġi żgurat livell għoli ta' ċertezza fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali li għalihom il-valutazzjoni u l-verifika skont is-sistemi eżistenti mhumix adatti.

L-adozzjoni tar-Regolament tiffaċilita l-azzjonijiet tal-manifatturi u l-funzjonament tal-korpi nnotifikati awtorizzati biex iwettqu l-kompiti ta' parti terzi fil-proċess tal-AVCP tal-prodotti għall-konstruzzjoni.

Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew,³ il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari⁴ u l-Komunikazzjoni dwar il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni⁵ enfasizzaw ir-rwol tas-CPR bħala parti mill-isforzi lejn bini u rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, u fl-indirizzar tas-sostenibbiltà tal-prodotti għall-konstruzzjoni. Il-proposta għal Direttiva riveduta dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija⁶ enfasizzat l-importanza tal-

¹ ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.

² ĠU L 157, 27.5.2014, p. 76.

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM(2019)640 final.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari, COM(2020)98 final.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja, COM(2020) 662 final.

⁶ Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni), COM(2021) 802 final

emissjonijiet ta' GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini u tal-materjali tal-bini biex jiġi kkalkolat il-Potenzjal ta' Tisħin Globali ta' bini ġdid mill-2030. Barra minn hekk, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill⁷ talbu għal azzjonijiet biex jippromwovu ċ-ċirkolarità tal-prodotti għall-kostruzzjoni, biex jindirizzaw l-ostakli fis-suq uniku għall-prodotti għall-kostruzzjoni u biex jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-pjan ta' azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Għal dawn ir-raġunijiet, din l-emenda tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 u d-definizzjoni tas-sistema AVCP applikabbli għas-sostenibbiltà ambjentali jenħteġ li jtejbu wkoll il-konsolidazzjoni tas-suq intern għall-prodotti għall-kostruzzjoni u b'hekk ikollhom impatt favorevoli fuq il-kompetittività tas-settur tal-kostruzzjoni Ewropew kollu kemm hu.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Ir-Regolament ġie diskuss fil-laqgħa tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Prodotti għall-kostruzzjoni⁸ (l-GK) fil-21 ta' Novembru 2022, fit-8 ta' Ġunju 2023, fil-15 ta' Frar 2023 u fil-21 ta' Novembru 2023 u ġie ppreżentat ukoll għal konsultazzjoni bil-miktub tal-esperti bejn il-15 ta' Frar 2023 u l-31 ta' Marzu 2023 u bejn it-8 ta' Ġunju 2023 u l-15 ta' Lulju 2023. Qabel ma saru daww il-passi, l-Istati Membri kollha nġħataw l-oportunità li jaħtru l-esperti biex jipparteċipaw. Minbarra dawn l-esperti, ġew ikkonsultati wkoll partijiet ikkonċernati esterni oħra. Id-dokumenti li ġew diskussi mill-GK u li kienu rilevanti għall-konsultazzjoni bil-miktub intbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill simultanjament, kif previst fil-Ftehim Komuni dwar l-atti delegati. Waqt it-tnejn tal-verżjoni finali ta' dan l-att għall-konsultazzjoni interservizz tqiesu wkoll l-osservazzjonijiet ippreżentati f'dawn il-kuntesti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikoli 28(2) u 60(h) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, is-sistemi AVCP tal-prodotti għall-kostruzzjoni, kif stipulat fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, iridu jiġu stabbiliti permezz ta' atti delegati tal-Kummissjoni, li jridu jkunu applikabbli għal prodott partikolari, għal familja ta' prodotti partikolari jew għal ċertu karatteristika essenzjali, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta jiġu stabbiliti s-sistemi AVCP, skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-Kummissjoni għandha tagħżel is-sistemi l-inqas onerużi possibbli konsistenti mal-issodsifar tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kollha. Skont l-Artikolu 60(h) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, dan għandu jsir f'konformità mal-impatt tal-prodott għal dan l-issodisfar tul il-ħajja tax-xogħol mistennija tiegħu.

Skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, ir-regoli dwar l-AVCP tal-prodotti għall-bini fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom jinsabu fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. Skont dawn ir-regoli, il-kompiti tal-AVCP għandhom jitwettqu f'konformità mas-sistemi stipulati f'dan l-Anness.

Kif imsemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi awtorizzati jwettqu kompiti ta' parti terza fil-proċess tal-AVCP skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 (minn hawn 'il

⁷ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija Ċirkolari fis-settur tal-Kostruzzjoni <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13814-2019-INIT/mt/pdf>

⁸ Il-kodiċi E01329 fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u Entitajiet Oħra Simili.

quddiem imsejħa “korpi notifikati”). L-Artikoli 40 sa 43 jippreskrivu r-rekwiżiti u l-proċeduri għal tali notifiċi.

Għalhekk ir-Regolament Delegat jikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan jirriżulta fl-armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar l-istabbiliment ta’ sistema AVCP bilanċjata għall-karatteristiċi essenzjali relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, u għalhekk jista’ jiġi vvalutat li huwa ta’ benefiċċju għas-settur tal-kostruzzjoni Ewropew kollu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

tad-30.5.2024

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 billi jistabbilixxi s-sistemi applikabbli għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali dwar is-sostenibbiltà ambjentali u li jemenda dak ir-Regolament fir-rigward tal-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni abbażi ta' approċċ ta' mmudellar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(2) flimkien mal-Artikolu 60, il-punt (e), u l-Artikolu 28(2) flimkien mal-Artikolu 60, il-punt (h), tiegħu,

Billi:

- (1) L-iżviluppi teknoloġiċi jippermettu approċċ ta' mmudellar għall-valutazzjoni tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni. Tali progress teknoloġiku jippermetti l-istabbiliment ta' sistema ta' valutazzjoni u verifika meta jiġi applikat il-ġbir tad-*data* għall-valuri tal-input, is-suppożizzjonijiet u l-immudellar bl-appoġġ tas-software jew mingħajru.
- (2) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011² laqgħet l-oġġettiv tal-Kummissjoni li tagħmel is-settur tal-kostruzzjoni aktar sostenibbli billi tindirizza l-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-prodotti għall-kostruzzjoni, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari³. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija Ċirkolari fis-Settur tal-Kostruzzjoni tat-28 ta' Novembru 2019⁴ ħeġġew lill-Kummissjoni biex tiffaċilita ċ-ċirkolarità tal-prodotti għall-kostruzzjoni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-

¹ ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/305/oj>.

² Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini (ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini) (2020/2028(INI)).

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni għid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, COM/2020/98 (final).

⁴ L-Ekonomija Ċirkolari fis-Settur tal-Kostruzzjoni – Konklużjonijiet tal-Kunsill, adottati fit-8 ta' Novembru 2019, 13814/19.

2020 “Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa”⁵ enfasizzat il-ħtieġa li tiġi indirizzata s-sostenibbiltà tal-prodotti għall-kostruzzjoni u saħqet fuq ambjent mibni aktar sostenibbli bħala essenzjali għat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn in-newtralità klimatika. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2021 “Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b’saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa”⁶ identifika il-kostruzzjoni bħala waħda mill-ekosistemi ta’ prijorità li jiffaċċjaw l-aktar sfidi importanti biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tas-sostenibbiltà u li jħaddnu t-trasformazzjoni diġitali, u li fuqhom tiddependi l-kompetittività tas-settur tal-kostruzzjoni. Minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi fil-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja, ċerti karatteristiċi essenzjali relatati mar-rekwiżit bażiku għax-xogħlijiet ta’ kostruzzjoni 3 (iġjene, saħħa u ambjent) u 7 (użu sostenibbli tar-riżorsi naturali) huma disponibbli biex jiġu implimentati fil-qafas regolatorju għall-prodotti għall-kostruzzjoni. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli għad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti għall-kostruzzjoni.

- (3) Sabiex iwieġeb għall-progress teknoloġiku, l-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 jenħtieġ li jiġi adattat billi jiżdiedu valutazzjoni u verifika ġodda tal-kostanza tal-prestazzjoni tas-sistema AVCP 3+ li jiddefinixxu l-kompiti li għandhom jitwettqu fil-proċess ta’ valutazzjoni u verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni meta jiġi applikat il-ġbir tad-*data* għall-valuri tal-input, is-suppożizzjonijiet u l-immudellar bl-appoġġ tas-software jew mingħajru. Tali emenda hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-manifatturi jkunu kapaċi jivvalutaw il-karatteristiċi essenzjali relatati mas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti tagħhom.
- (4) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jaċċessaw is-suq intern b’mod aktar effiċjenti u b’hekk jikkontribwixxu għal kompetittività akbar tal-industrija tal-kostruzzjoni kollha kemm hi, is-sistema ġdida AVCP 3+ jenħtieġ li tkun applikabbli għall-karatteristiċi essenzjali li jindirizzaw is-sostenibbiltà ambjentali. Iż-żieda ta’ sistema AVCP ġdida jenħtieġ li ma tinvolvi piż amministrattiv addizzjonali għall-manifatturi li diġà jgawdu l-preżunzjoni li l-prodotti tagħhom jiksbu ċertu livell jew klassi ta’ prestazzjoni mingħajr ittestjar jew kalkolu. Jenħtieġ għalhekk li jiġi ċċarat li s-sistema 3+ tal-AVCP il-ġdida ma tapplikax għal daww il-prodotti li bħalissa ma jirrikjedux ittestjar jew kalkolu.
- (5) Id-dispożizzjonijiet f’dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, peress li jittrattaw il-kjarifika tas-sistema AVCP applikabbli għall-karatteristiċi essenzjali li jindirizzaw is-sostenibbiltà ambjentali, flimkien mal-ħtieġa li jitqiesu l-bidliet teknoloġiċi li jipprevedu valutazzjoni tal-immudellar ta’ tali karatteristiċi u l-introduzzjoni ta’ sistema ġdida għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni (AVCP 3+). Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn daww id-dispożizzjonijiet, jeħtieġ li l-kjarifika tas-sistema applikabbli għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti għall-kostruzzjoni u l-emenda konsegwenzjali tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 jiġi inklużi f’Regolament wieħed.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 305/2011 jiġi emendat skont dan,

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa COM(2020)102 final tal-10 ta’ Marzu 2020.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b’saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa COM(2021)350 final tal-5 ta’ Mejju 2021.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti għall-konstruzzjoni għandhom jiġu vvalutati u vverifikati għall-kostanza tal-prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom dwar is-sostenibbiltà ambjentali f'konformità mas-sistemi speċifikati fl-Anness I.

Artikolu 2

L-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30.5.2024

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN